ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2015**

| Is-Sitt Sena | L-ISTUDJI SOĊJALI | Il-Ħin: Siegħa |
|---|---|---|

**Massimu: 80 marka**

**L-Isem:** ________________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**1. Immarka t-tajbin.**

1. Il-lingwa Maltija hija Semitika għax hija mnissla (mill-Għarbi, mir-Russu, mill-Amerikan, mil-lingwa Ingliża).



2. F'Malta għandna żewġ lingwi uffiċjali. Dawn huma l-Malti u (it-Taljan, l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Ġermaniż).
3. L-ismijiet Malta, Għawdex, Iż-Żurrieq u L-Imqabba huma kollha ismijiet (Taljani, Ingliżi, Semitiċi, Ġermaniżi).
4. Il-kelma 'friġġ' hija mnissla mill-kelma '*refrigerator*' u allura ġejja mil-lingwa (Eġizzjana, Għarbija, Ingliża, Taljana).
5. Il-mużika tal-Innu Malti nħadmet minn (Dr Robert Cefai, Dr Robert Samut, Mro Giuseppe Camilleri, Giuseppe Verdi).
6. Il-wirjiet tal-frott, ħxejjex u annimali fil-Buskett hija karatteristika tal-festa tal-(Milied, Ewwel tas-Sena, Imnarja, Indipendenza).
7. Meta nsemmu 'Id-Dar tal-Providenza', awtomatikament niftakru fir-raħal tas-Siġġiewi. Għalhekk 'Id-Dar tal-Providenza' ngħidu li hija (simbolu nazzjonali, simbolu lokali, monument, id-dar tal-Knisja).



8. It-tliet siti Maltin li ġew iddikjarati bħala Wirt Dinji tal-Umanità mill-UNESCO huma l-Belt Valletta, it-tempji megalitiċi u (l-Imdina, il-Birgu, iċ-Ċittadella, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni).
9. Meta nikkomunikaw bejnietna bl-i*Skype*, bl-SMSs u bit-telefown, inkunu qegħdin nikkomunikaw b'mod (virtwali, reali, nazzjonali, lokali).
10. Meta nattendu xi għaqda u nieħdu sehem f'xi diskussjoni, inkunu qegħdin nikkomunikaw bejnietna b'mod (virtwali, reali, nazzjonali, lokali).

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**2. Immarka t-tajbin bis-sinjal (X) .**

1. Il-bandiera Maltija ngħidu li hija simbolu uffiċjali Malti għax

| | | |
|---|---|---|
| i | tintuża fil-festi | |
| ii | permezz tagħha nirrappreżentaw il-Gżejjer Maltin | |
| iii | għandha l-kuluri abjad u aħmar li jintużaw ħafna f'Malta | |

2. Fuq il-bandiera Maltija nagħmlu l-arma tal-*George Cross*

| | | |
|---|---|---|
| i | fuq il-parti l-ħamra tal-bandiera | |
| ii | fuq il-parti l-bajda tal-bandiera | |
| iii | fin-nofs tal-bandiera | |

3. Dun Karm Psaila kiteb il-versi tal-Innu Malti forma ta'

| | | |
|---|---|---|
| i | biċċa proża bit-tema tal-imħabba | |
| ii | tifħira lill-Gżejjer Maltin | |
| iii | talba lil Alla | |

4. Simbolu uffiċjali ieħor Malti huwa

| | | |
|---|---|---|
| i | il-bandalora tal-Banda King's Own | |
| ii | l-arma tar-Repubblika Maltija | |
| iii | l-istatwa ta' San Pawl li hemm fir-Rabat | |

5. Fost il-karatteristiċi tal-festa tar-raħal insibu

| | | |
|---|---|---|
| i | il-figolli u l-kwareżimal | |
| ii | it-tiżjin fit-toroq bil-pavaljuni u l-bandalori | |
| iii | il-qagħaq tal-għasel u l-pudini | |

6. Il-festi fl-ibliet u fl-irħula tagħna jistgħu jservu ta' ġid għall-komunitajiet tagħna meta

| | | |
|---|---|---|
| i | nieklu u nixorbu kemm irridu | |
| ii | nisparaw il-kaxxi infernali u l-murtali tal-kulur | |
| iii | għall-festa jiltaqgħu l-familji u l-ħbieb flimkien fi spirtu ta' għaqda | |

7. Karatteristika tal-Milied Malti hija

| | | |
|---|---|---|
| i | l-ikel tat-torti tal-intrita u l-ħaruf | |
| ii | il-puċissjoni bil-Bambin lejlet il-Milied mill-membri tal-MUSEUM | |
| iii | il-puċissjoni bl-istatwa tal-qaddis titulari tal-parroċċa | |

8. Il-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq hija simbolu lokali, għax

| | | |
|---|---|---|
| i | meta narawha niftakru fil-lokalità taż-Żurrieq | |
| ii | insibuha tmiss mat-tliet lokalitajiet taż-Żurrieq, Ħal Safi u l-Imqabba | |
| iii | l-imtieħen insibuhom kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex | |

9. Is-simboli lokali huma importanti biex

| | | |
|---|---|---|
| i | naraw liema hija l-aqwa lokalità fil-Gżejjer Maltin | |
| ii | ir-residenti jidraw jgħożżu, iħobbu u jibżgħu għal-lokalità tagħhom | |
| iii | ikollna Milied Hieni u Sena Tajba | |

10. Il-pittura ta' qtugħ ir-ras ta' San Ġwann magħrufa bħala l-Caravaggio, hija

| | | |
|---|---|---|
| i | simbolu lokali tal-Kottonera | |
| ii | simbolu uffiċjali tal-Gżejjer Maltin | |
| iii | simbolu nazzjonali Malti | |

**(marka 1 x 10 = 10 marki)**

**3. Bl-għajnuna tal-mappa wieġeb billi jew taqta' sing taħt it-tajba jew timla l-vojt.**




1. Massa kbira ta' art li tinkludi ħafna pajjiżi ġo fiha, bħal pereżempju l-Asja u l-Antartika tissejjaħ (oċean, kontinent, baħar, għadira).
2. Baħar kbir ħafna bħall-Paċifiku jissejjaħ (kontinent, oċean, għadira, xmara).
3. L-Awstralja hija kontinent. Fuq il-mappa l-Awstralja hija mmarkata bin-numru ____________________ .
4. Fejn hemm in-numru 6 insibu l-oċean (Ingliż, Paċifiku, Atlantiku, Mediterran).
5. Il-kontinent Amerikan huwa mmarkat bin-numru ______________________ .
6. L-Ewropa hija (oċean, kontinent, pajjiż, unjoni) li fuq il-mappa huwa mmarkat bin-numru ___________________.
7. Il-Baħar Mediterran huwa mmarkat bin-numru ________________________ .

**(marka 1 x 8 = 8 marki)**

**4. Wieġeb billi jew timla l-vojt jew timmarka t-tajbin**.

1. Il-Kolossew huwa bini antik magħruf ħafna li nistgħu naraw meta mmorru Ruma. Ruma hija l-belt kapitali ___________________________________ . (1)
2. Fil-belt kapitali Franċiża ta' __________________________ nistgħu nżuru u ngawdu t-torri Eiffel. (1)
3. Il-belt kapitali tal-Eġittu hija ________________________. L-Eġittu jinsab fil-kontinent tal-Afrika. (1)
4. Għaliex taħseb illi l-Piramidi huma importanti għall-Eġizzjani fil-ġurnata tal-lum?

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________ (2)

5. **Tnejn** minn dawn il-pajjiżi li ġejjin imissu mal-Baħar Mediterran. Aqta' sing taħthom.

IR-RUSSJA, L-ALĠERIJA, L-INGILTERRA, IL-BRAŻIL, IL-KANADA, IL-GREĊJA, IL-ĠERMANJA, L-INDJA, L-OLANDA. (2)

6. Ikteb l-isem ta' dak il-pajjiż illi qiegħed fil-kontinent tal-Asja u li jmiss mal-Baħar Mediterran. ______________________________ (1)

**(8 marki)**

**5. Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta.**

L-ewwel waħda hija lesta bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | Żewġ gżejjer li nsibu fil-Mediterran u li huma indipendenti | | l-Istrett ta' Ġibiltà |
| 2 | Grupp ta' gżejjer li jagħmlu parti minn Spanja | | Sardenja u Sqallija |
| 3 | Żewġ gżejjer fil-Mediterran, waħda tagħmel parti mill-Greċja, l-oħra parti minn Franza | | id-Dardanelli |
| 4 | Minn hawnhekk tidħol fil-Mediterran mill-oċean Atlantiku | **1** | Malta u Ċipru |
| 5 | Minn hawnhekk toħroġ mill-Mediterran lejn l-oċean Indjan | | Kreta u Korsika |
| 6 | Minn hawnhekk tidħol fil-Baħar Mediterran mill-Baħar l-Iswed | | il-Balearići |
| 7 | Żewġ gżejjer fil-Mediterran li t-tnejn jagħmlu parti mill-Italja | | Il-Kanal ta' Swejz |

**(marka 1 x 6 = 6 marki)**

**6. Wieġeb**. Agħti **żewġ** raġunijiet għaliex huwa importanti ħafna li ma nitfgħux plastik u żjut fil-Baħar Mediterran.

1. L-ewwel raġuni: ______________________________

______________________________ (1)

2. It-tieni raġuni: ______________________________

______________________________ (1)

**(2 marki)**

**7. Immarka b'ċirku t-tempji megalitiċi minn dawn li ġejjin.**

Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| Ħaġar Qim | Għar Dalam | Borġ in-Nadur |
| il-Belt Valletta | l-iskejjel | Il-Ġgantija |
| il-Furjana | il-barrieri taż-żrar | l-Imnajdra |
| Marsaxlokk | Ħal Tarxien | Ħal Balzan |

**(marka 1 x 3 = 3 marki)**

**8. Wieġeb.**

1. Xi jfissru l-ittri Q.K? ______________________________________________ (1)
2. Xi jfissru l-ittri W.K? ______________________________________________ (1)
3. Ikteb sentenza bis-sens u fiha daħħal l-ittri Q.K jew W.K.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)
4. Minn fejn ġew l-ewwel nies f'Malta?

   ______________________________ (1)



5. Kif taħseb li ġew hawn?

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________ (1)
6. Xi tfisser il-kelma 'Preistorja'?

   ______________________________

   ______________________________ (1)
7. Minn xiex kienet magħmula l-għodda tal-ewwel nies li ġew f'Malta?

   ______________________________________________ (1)
8. L-ewwel nies li ġew f'Malta kienu jużaw l-armi. Għal xiex kienu jużaw dawn l-armi? (Semmi użu wieħed biss.) ______________________________

   ______________________________________________ (1)
9. Semmi mod wieħed kif il-ħajja fil-Preistorja kienet differenti mill-ħajja li ngħixu llum.

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

**(10 marki)**

**9. Wieġeb dwar Għar Dalam.**



1. Ħdejn liema raħal Malti jinsab Għar Dalam?

   ______________________________ (1)
2. X'jgħidulu x-xjentist li jħaffer għall-fdalijiet f'siti bħal Għar Dalam?

   ______________________________ (1)

3. F'Għar Dalam, fost affarijiet oħra, sibna bċejjeċ taż-żnied, ornamenti u fuħħar. X'juruna dawn il-fdalijiet?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

4. Semmi differenza importanti bejn in-nies li għexu f'Għar Dalam u n-nies li għexu fi Skorba qrib l-Imġarr Malta.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

5. F'Għar Dalam sibna l-fossili ta' xi annimali. X'nifhmu bil-kelma 'fossili'?

______________________________________________________________ (1)

6. Semmi annimal li sibna l-fossili tiegħu f'Għar Dalam.

______________________________________________________________ (1)

7. X'jgħallmuna dwar il-Preistorja l-fossili tal-annimali li sibna f'Għar Dalam?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

**(10 marki)**

**10. Fir-ritratt jidhru t-tempji megalitiċi ta' Ħaġar Qim. Wieġeb.**



1. Xi tfisser il-kelma 'megalitiċi'?

_______________________________ (1)

2. Liema tempji megalitiċi oħra jinsabu nofs kilometru 'l bogħod minn Ħaġar Qim?

_______________________________ (1)

3. Għalfejn għattejna t-tempji ta' Ħaġar Qim b'tinda? ___________________________

_______________________________

_______________________________ (2)

**(4 marki)**

**11. Immarka t-tajbin**.

1. Tempju megalitiku normalment ikun (mibni ’l fuq mill-art, imħaffer taħt l-art, imsaqqaf bil-konkrit, mibni fuq tliet sulari).
2. Ipoġew normalment ikun (mibni ’l fuq mill-art, imħaffer taħt l-art, imsaqqaf bil-konkrit, mibni fuq tliet sulari).



3. Insibu Ipoġew mill-isbaħ f’(Ħal Safi, Ħal Għaxaq, Ħal Saflieni, Ħal Luqa).
4. L-Ipoġew tħaffer fi żmien (l-Imqades, il-Bronż, l-Ingliżi, il-Franċiżi).
5. L-isbaħ kamra fl-Ipoġew tissejjaħ (is-*Sancta Sanctorum*, tal-Pranzu, tad-Dfin, tal-Lewż).
6. Il-bronż isir permezz ta’ taħlita ta’ ram u (injam, ġebel, landa, fidda).
7. In-nies ta’ Żmien il-Bronż difnu l-fdalijiet ta’ bosta mejtin (fiċ-ċimiterju ta’ Ħal Lija, f’Ħaġar Qim, fl-imqades ta’ Ħal Tarxien, fl-Ipoġew).
8. Sibna fdalijiet ta’ Żmien il-Bronż ġewwa l-Baħrija u (l-Ġgantija, l-Imnajdra, is-Santwarju tal-Mellieħa, Borġ in-Nadur).
9. Fdal importanti ta’ Żmien il-Bronż huwa (il-mazkan, il-Menħir, il-knisja, l-Ipoġew).

**(marka 1 x 9 = 9 marki)**

**TMIEM IL-KARTA**